



UNJONI EWROPEA

IL- PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Strasburgu, 7 ta' Lulju 2010
(OR. en)**

**2009/0162 (COD)
LEX 1134**

**PE-CONS 20/1/10
REV 1**

**ECOFIN 296
RELEX 442
COEST 148
NIS 59
CODEC 461**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL LI TIPPROVDI
L-GĦAJNUNA MAKROFINANZJARJA LILL-UKRAINA**

Deċiżjoni Nru .../2010/UE
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-7 ta' Lulju 2010

li ttipprovdi l-għajnuna makrofinanzjarja lill-Ukraina

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2010 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2010.

Billi:

- (1) Ir-relazzjonijiet bejn l-Ukraina u l-Unjoni Ewropea qegħdin jiżviluppaw fi ħdan il-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Fl-2005, il-Komunità u l-Ukraina qablu dwar Pjan ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat li jidentifika l-prijoritajiet fuq żmien medju fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina. Dak il-Pjan ta' Azzjoni ġie sostitwit mill-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina ta' Novembru 2009. Mill-2007 'l hawn, il-Komunità u l-Ukraina ilhom jinnegozjaw Ftehim ta' Assoċjazzjoni li hu mistenni jissostitwixxi l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni eżistenti. Il-qafas tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina huwa msaħħaħ ulterjorment mis-Sħubija tal-Lvant li tnediet dan l-aħħar.
- (2) L-ekonomija Ukraina qed tiġi affettwata dejjem iżjed mill-kriżi finanzjarja internazzjonali, bi produzzjoni li qed tonqos b'mod drammatiku, pożizzjoni fiskali li qed tiddeterjora u ħtiġijiet dejjem akbar għal finanzjament estern.
- (3) L-istabbilizzazzjoni u l-irkupru ekonomiċi tal-Ukraina huma appoġġati mill-ġajnuna finanzjarja mil-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI). L-Arranġament ta' Riżerva (SBA) tal-FMI għall-Ukraina ġie approvat f'Novembru 2008.
- (4) Wara deterjorazzjoni ulterjuri tal-pożizzjoni fiskali tal-Ukraina, biċċa kbira mit-tieni parti tas-self skont l-SBA tal-FMI u l-ammont sħiħ tat-tielet parti ġew diretti għall-baġit tal-Istat tal-Ukraina.

- (5) L-Ukraina talbet l-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni fid-dawl tas-sitwazzjoni u l-prospettiva ekonomiċi li qed jiddeterjoraw.
- (6) Minħabba li għad hemm diskrepanza finanzjarja residwa fil-bilanċ tal-pagamenti bejn l-2009 u l-2010, l-għajnuna makrofinanzjarja hija meqjusa bħala reazzjoni xierqa għat-talba tal-Ukraina biex tappoġġa l-istabbilizzazzjoni ekonomika flimkien mal-programm attwali tal-FMI. Din l-għajnuna makrofinanzjarja hija mistennija wkoll li se tgħin biex ittaffi l-ħtiġijiet għall-finanzjament estern tal-baġit Statali.
- (7) L-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni tista' tikkontribwixxi biss għall-istabbilizzazzjoni ekonomika jekk il-forzi politiċi ewlenin fl-Ukraina jiżguraw l-istabbiltà politika u jistabbilixxu kunsens wiesa' dwar implimentazzjoni rigoruża tar-riformi strutturali meħtieġa.
- (8) L-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun ipprovduta lill-Ukraina flimkien mal-faċiltà tas-self mogħtija skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/639/KE tat-12 ta' Lulju 2002 li ttiprovdi l-għajnuna makrofinanzjarja supplimentari lill-Ukraina¹.
- (9) L-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni m'għandhiex sempliċiment tissupplimenta l-programmi u r-riżorsi tal-FMI u tal-Bank Dinji iżda għandha tiżgura l-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni.
- (10) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun legalment u sostanzjalment konformi mal-miżuri meħuda fi ħdan id-diversi oqsma tal-azzjoni esterna u tal-linji politiċi rilevanti oħrajn tal-Unjoni.

¹ ĠU L 209, 6.8.2002, p. 22.

- (11) L-oġġettivi speċifiċi tal-ġhajjnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom isaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà. Dawn l-oġġettivi għandhom jiġu mmonitorati b'mod regolari mill-Kummissjoni.
- (12) Il-kondizzjonijiet li fuqhom hu bbażat l-ġhoti tal-ġhajjnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom jirriflettu l-prinċipji u l-oġġettivi fundamentali tal-politika tal-Unjoni lejn l-Ukraina.
- (13) Sabiex tkun żgurata l-protezzjoni effiċenti tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni marbuta ma' din l-ġhajjnuna makrofinanzjarja, huwa meħtieġ li l-Ukraina tadotta miżuri xierqa relatati mal-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe irregolarità oħra marbuta ma' din l-ġhajjnuna. Huwa meħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tipprevedi kontrolli xierqa u li l-Qorti tal-Awdituri tipprevedi verifiki xierqa.
- (14) Ir-rilaxx tal-ġhajjnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni huwa bla preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja.
- (15) Din l-ġhajjnuna makrofinanzjarja għandha tiġi ġestita mill-Kummissjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju jkunu jistgħu jsegwu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tinformahom regolarment dwar l-iżviluppi relatati mal-ġhajjnuna u ttiprovdi lhom id-dokumenti rilevanti.

- (16) Skont l-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu stabbiliti minn qabel permezz ta' regolament adottat f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Sakemm jiġi adottat dak ir-regolament il-ġdid, għadha tapplika id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni¹, bl-eċċezzjoni tal-proċedura regolatorja bi skrutinju li mhijiex applikabbli,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

Artikolu 1

1. L-Unjoni għandha tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Ukraina, għajnuna makrofinanzjarja fl-għamla ta' faċiltà ta' self b'ammont ta' kapital massimu ta' EUR 500 miljun u maturità medja massima ta' 15-il sena bil-ħsieb li tgħin l-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Ukraina u ttaffi l-bilanċ tal-pagamenti u l-ħtiġijiet baġitarji tagħha kif identifikati fil-programm attwali tal-FMI.
2. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tissellef ir-riżorsi meħtieġa f'isem l-Unjoni.
3. Ir-rilaxx tal-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni għandu jiġi ġestit mill-Kummissjoni b'mod konsistenti mal-ftehimiet jew l-arranġamenti milħuqa bejn l-FMI u l-Ukraina u mal-prinċipji u l-oġettivi prinċipali tar-riforma ekonomika stabbiliti fl-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju regolarment dwar l-iżviluppi fil-ġestjoni tal-għajnuna u tipprovdihom id-dokumenti rilevanti.
4. L-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun disponibbli għal sentejn u sitt xhur li jibdew mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil imsemmi fl-Artikolu 2(1).

Artikolu 2

1. Il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 6(2), għandha tingħata s-setgħa li tiftiehem mal-Awtoritajiet Ukraini il-kondizzjonijiet tal-politika ekonomika marbuta mal-ġajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni, li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil li għandu jinkludi skadenzi biex dawn ikunu ssodisfati (minn hawn 'il quddiem il-"Memorandum ta' Qbil"). Il-kondizzjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet jew l-arranġamenti milħuqa bejn l-FMI u l-Ukraina u mal-prinċipji u l-oġettivi prinċipali tar-riforma ekonomika stabbiliti fl-Aġenda ta' Assoċjazzjoni UE-Ukraina. Dawn il-prinċipji u l-oġettivi huma mmirati lejn it-tisħiħ tal-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-ġajnuna, inklużi b'mod partikolari sistemi għall-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fl-Ukraina. Il-progress lejn il-kisba ta' dawn l-oġettivi għandu jiġi sorveljat regolarment mill-Kummissjoni. It-termini finanzjarji dettaljati tal-ġajnuna għandhom jiġu stabbiliti fi Ftehim ta' Self li għandu jintlaħaq qbil dwaru bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Ukraini.
2. Matul l-implimentazzjoni tal-ġajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tissorvelja kemm huma sodi l-arranġamenti finanzjarji, il-proċeduri amministrattivi, il-mekkaniżmi interni u esterni ta' kontroll Ukraini li huma rilevanti għal tali ġajnuna u l-aderenza għall-iskadenza maqbula.

3. Il-Kummissjoni għandha tivverifika f' intervalli regolari li l-linji politiċi ekonomiċi tal-Ukraina jkunu konformi mal-obiettivi tal-ghajjnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni u li l-kondizzjonijiet tal-politika ekonomika miftiehma jkunu qed jitwettqu b' mod sodisfaċenti. Waqt li tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tikkoordina mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji, u fejn meħtieġ, mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

Artikolu 3

1. Soġġett għall-kondizzjonijiet tal-paragrafu 2, l-ghajjnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni lill-Ukraina għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni f' żewġ pagamenti ta' self. L-ammont ta' kull pagament għandu jkun stabbilit fil-Memorandum ta' Qbil.
2. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar ir-rilaxx tal-pagamenti soġġett għall-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-kondizzjonijiet tal-politika ekonomika miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil. Il-ħlas tat-tieni pagament ma għandux isir qabel tliet xhur mir-rilaxx tal-ewwel pagament.
3. Il-fondi tal-Unjoni għandhom jitħallsu lill-Bank Nazzjonali tal-Ukraina. Soġġett għad-dispożizzjonijiet li jridu jiġu miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil, inkluża konferma ta' ħtiġijiet finanzjarji baġitarji residwi, il-fondi tal-Unjoni jistgħu jiġu ttrasferiti lit-Teżor tal-Ukraina bħala l-benefiċjarju finali.

Artikolu 4

1. L-operazzjonijiet ta' self u tislif imsemmija f' din id-Deċiżjoni għandhom isiru f'euro bl-istess data tal-valur u ma għandhomx jinvolvu l-Unjoni fit-trasformazzjoni tal-maturitajiet, fi kwalunkwe riskju fil-kambju jew fir-rata tal-imgħax jew fi kwalunkwe riskju kummerċjali ieħor.
2. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-passi meħtieġa, jekk l-Ukraina titlob hekk, biex tiżgura li fit-termini u l-kondizzjonijiet tas-self tkun inkuża klawżola għall-ħlas qabel iż-żmien u li jkollha klawżola korrispondenti fit-termini u l-kondizzjonijiet tal-operazzjonijiet tas-self.
3. Fuq talba tal-Ukraina, u jekk iċ-ċirkostanzi jippermettu titjib fir-rata tal-imgħax tas-self, il-Kummissjoni tista' tirrifinanzja s-self tal-bidu kollu jew parti minnu, jew tirristruttura l-kondizzjonijiet finanzjarji korrispondenti. L-operazzjonijiet ta' rifinanzjar jew ristrutturar għandhom jitwettqu f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 u ma għandux ikollhom l-effett li jestendu l-maturità medja tas-self ikkonċernat jew li jżidu l-ammont tal-kapital li jkun hemm pendenti fid-data tar-rifinanzjar jew tar-ristrutturar.

4. L-ispejjeż kollha mgħarrba mill-Unjoni li huma marbutin mal-operazzjonijiet ta' self u tislif skont din id-Deċiżjoni għandhom jiġġarrbu mill-Ukraina.
5. Il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju għandhom jinżammu infurmati bl-iżviluppi fl-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 5

L-għajnuna makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi implimentata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹ u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu². B'mod partikolari, il-Memorandum ta' Qbil u l-Ftehim ta' Self li għandu jinkluda qbil dwarhom mal-awtoritajiet Ukraini, għandhom jipprevedu miżuri speċifiċi li għandhom jiġu implimentati mill-Ukraina marbuta mal-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u irregolaritajiet oħra li jaffettwaw l-għajnuna. Sabiex tkun żgurata trasparenza akbar fil-ġestjoni u l-ħlas tal-fondi, il-Memorandum ta' Qbil u l-Ftehim ta' Self għandhom jipprevedu wkoll kontrolli, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni, inkluż mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi. Barra minn dan, huma għandhom jipprevedu wkoll verifiki, inklużi fejn xieraq verifiki fuq il-post, mill-Qorti tal-Awdituri.

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

² Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1).

Artikolu 6

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Artikolu 7

Sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fis-sena preċedenti, inkluża evalwazzjoni tagħha. Ir-rapport għandu jindika r-rabta bejn il-kondizzjonijiet ta' politika kif stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil, il-prestazzjoni ekonomika u fiskali li għaddejja tal-Ukraina, u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni biex tirrilaxxa l-pagamenti tal-għajnuna.

Mhux aktar tard minn sentejn wara l-iskadenza tal-perijodu ta' disponibbiltà msemmi fl-Artikolu 1(4), il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni ex post lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
